# IT-TIELET SEZZJONI
# APPELLI INFERJURI

8 ta' Jannar, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Joseph Axiak ne. et *versus* Francesco Schembri**

**Lokazzjoni — Amministrazzjoni — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Żgumbrament — Mara — Illeġittimità tal-Persuna**

*Taħt ir-reġim tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-amministrazzjoni tal-beni tal-mara tmiss lir-raġel, u għalhekk ir-raġel huwa ntitolat jaġixxi in konnessjoni ma' kwistjoni li tirrigwarda l-lokazzjoni tal-beni ta' martu. Imma hu ma jistax jaġixxi personalment, iżda fil-kwalità tiegħu ta' amministratur tal-beni ta' martu, u bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Jekk huwa jaġixxi f'ismu, l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna li tiġi sollevata kontra l-azzjoni tiegħu hija fondata.*

*L-inkwilin il-ġdid ta' fond jista' jaġixxi kontra l-antik biex jiżgumbrah bla ma jkun hemm bżonn l-intervent fil-ġudizzju tal-lokatur; basta dan ma jkunx jostakola lill-inkwilin il-ġdid.*

Il-Qorti; — Rat it-talba ta' l-attur Joseph Axiak bħala prokuratur ġenerali ta' l-assenti Giuseppe Muscat, u ta' l-attur Francis Mercieca, quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, għall-kundanna tal-konvenut biex jiżgombra fi żmien qasir il-mansab "Tal-Ħofra", kuntrada "Tal-Ħofra", limiti ta' Każal Żabbar, billi dan ma għadux mikri lilu, imma lill-attur Mercieca, u l-lum il-konvenut qiegħed jokkupah mingħajr titolu; bl-ispejjeż; għall-fini tal-kompetenza l-kera ma jeċċedix £4 fis-sena;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Novembru, 1954, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż, u tat lill-kon-

venut iż-żmien ta' xahar biex jiżgombra mill-mansab imsemmi fl-avviż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur Giuseppe Muscat, assenti u rappreżentant mill-prokuratur tiegħu Joseph Axiak, sollevata mill-konvenut;

Ma hemmx kontestazzjoni li l-mansab in kwistjoni huwa proprjetà ta' mart l-imsemmi Giuseppe Muscat, li hija ma' żewġha assenti minn dawn il-Gżejjer. L-amministrazzjoni ta' dan il-fond tmiss lir-raġel, bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u għalhekk l-assenti Giuseppe Muscat għandu jagħmel il-preżenti kawża. Għalhekk din l-eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi miċħuda;

U kkunsidrat fil-meritu;

L-attur nomine Joseph Axiak qal il-fatti relativi għal dik il-kawża kif ġew lilu riferiti mill-kostitwent tiegħu Giuseppe Muscat hekk ......;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-konvenut, li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

"Ex admissis", il-mansab "de quo" jappartjeni mhux lil Giuseppe Muscat, iżda lill-martu Antonia Muscat, u hu parafernali;

Għalhekk, ankorkè, ġa ladarba hemm ir-reġim ta' l-akkwisti bejniethom, lil Giuseppe Muscat tmiss l-amministrazzjoni tal-mansab, u kwindi hu ntitolat jaġixxi in konnessjoni ma' kwistjoni li tirrigwarda l-lokazzjoni tal-mansab ta' martu, eppure hu fatt li l-kostitwent ta' l-attur Axiaq, ċjoè Giuseppe Muscat, hu ndikat personalment, u mhux fil-kwalità tiegħu ta' amministratur tal-beni ta' martu u kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Jiġi, għalhekk, li Giuseppe Muscat qiegħed jaġixxi, permezz tal-mandatarju tiegħu, personalment, u mhux bħala amministratur tal-beni ta' martu u bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan jilleġittima l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna sollevata mill-appellant, skond il-ġurisprudenza kostanti (ara Appell "Sammut vs. Cilia", 22 ta' Marzu, 1943, u s-sentenzi fiha ċitati). Ma hemmx lok għall-korrezzjoni f'dan l-istadju ta' l-appell;

Tibqa', però, l-azzjoni kif esperita minn Francis Mercieca, assert inkwilin ġdid tal-mansab, avvolja taqa' l-azzjoni in kwantu esperita mill-lokatur Muscat. L-inkwilin ġdid jista', infatti, jaġixxi kontra l-antik biex jiżgumbrah, bla ma hemm bżonn li jkun hemm l-intervent fil-ġudizzju tal-lokatur, basta dan ma jkunx ostakola lill-inkwilin il-ġdid. Fil-każ preżenti qiegħed isostnieh (ara Appell "Camilleri vs. Attard Portughese", 22 ta' Ġunju, 1925);

Fil-meritu ta' l-azzjoni in kwantu esperita mill-attur Mercieca;

Din il-Qorti ssib sewwa r-riflessjonijiet tal-Maġistrat deċident in prim'istanza, li kien hemm abbandun tal-konduzzjoni mill-parti tal-konvenut;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell in kwantu l-azzjoni hi esperita minn Axiak nomine, u tilliberа l-konvenut "ab observantia" fil-konfront ta' Axiak nomine; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess Axiak nomine;

Tirrespinġi l-appell in kwantu l-azzjoni hi intavolata minn Mercieca, u vis-a-vis Mercieca tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Iż-żmien prefiss għall-iżgumbrament jibda jgħaddi mill-10 ta' dan ix-xahar ta' Jannar, 1955.